MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1359/2005

**John Borg (ID904145M) ezercenti l-kummerc taht l-isem Karanne Hotel**
**vs**
**Brian Attard (ID171470M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm99.25) rapprezentanti l-prezz ta' ikla illi kienet saret fil-31 ta' Dicembru, 2004 fil-lukanda Karanne, San Pawl il-Bahar.**
**Nonostante illi gie nterpellat ihallas (Dok.A), il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax bir-rata ta' 8 % fis-sena mill-31 ta' Dicembru, 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fit-8 ta' Novembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut**

**ghalkemm kien deher fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2005 u ddikjara li qed jikkontesta t-talba, wara li gie prezentat il-kapitolu baqa' ma deherx u baqa' lanqas ma pprezenta risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm99.25), bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------